MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 342/2000/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijet tal-assikurat taghha Raymond Debono**

**vs**

**Joseph Galea u Paul Caruana**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu jghidu ghaliex m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti jew minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Dicembru 1997 fil-limiti ta' Haz-Zebbug waqt li l-konvenuti kienu qed isuqu il-vetturi Nru. EBA 739 u AAQ 172 rispettivament b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huma jew minnhom habtu mal-vettura numru JAA 142 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, u ikkagunaw hsara konsiderevoli f'din il-vettura;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u erba' u tmenin Lira Maltin (LM584.00,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz;*

*4. Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1999, (debitament notifikata skond il-ligi), u ta' ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti, kollox kontra l-istess konvenuti li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Galea datat d-19 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-incident gara meta l-eccipjent kien wieqaf u baqa' diehel go fih il-konvenut l-iehor Paul Caruana u tefghu fuq il-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur Raymond Debono li wkoll kien wieqaf peress li din kienet involuta f'incident iehor separat mal-vettura numru KAH-831 li sehh ftit qabel;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-ammont tad-danni pretiz qed jigi kkontestat;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Paul Caruana datata l-24 ta' Mejju tas-sena 2000 li permez taghha eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi mhux minnu illi l-incident in kwistjoni sehh bhala risultat tat-traskuragni, imprudenza u nuqqas tat-tahris tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-esponenti kif humm allegat fl-avviz, izda l-incident bejn il-vetturi EBA 739 misjuqa mill-konvenut l-iehor Galea u dik misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici u cioe' JAA 142 sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni tal-konvenut Galea;*

*2. Illi l-incident tat-traffiku illi sehh bejn il-vetturi rispettivi taz-zewg konvenuti ma kkontribwixxietx bl-edba mond ghall-kollizjoni l-ohra u cioe' dik ta' bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Galea (EBA 739) u dik misjuqa mill-assigurat tas-socjeta' attrici (JAA 142) u dana stante illi dawn il-vetturi kienu diga mahbutin ma xulxin u ghalhekk l-konvenut Caruana ma jista qatt jinstab responsabbli ghall-hsara illi sofriet is-socjeta' attrici;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-3 ta' Dicembru ta' l-1997 f'Mdina Road, limiti ta' Haz-Zebbug, u fih kienu nvoluti diversi vetturi kif jidher fl-iskizz ipprezentat f'dawn l-atti;*

*2. Illi l-vertenza odjerna hi limitata ghas-segwenti vetturi nvoluti:*

*a. EBA-739: i. tal-marka Transit;*
*ii. misjuq minn Joseph Galea, konvenut;*

*b. AAQ-172: i. tal-marka Peugeot;*
*ii. misjuq minn Paul Caruana, konvenut;*

*c. JAA-142: i. tal-marka Fiat Fiorino;*
*ii. misjuqa minn Raymond Debono, attur;*

*3. Illi ghalhekk il-kollizjoni in dizamina hi wahda multipla fejn jirrizulta li vettura ohra li mhix parti minn dawn il-proceduri, dik bin-numru KAH-831 waqfet quddiem il-vettura ta' l-attur fuq indikat, u dan baqa' diehel fiha;*

*4. Illi kagun ta' dan l-incident, il-vettura EBA-739 fuq indikata dahlet fil-vettura ta' l-attur minn wara, bil-konsegwenza li l-vettura l-ohra JAA-142 ukoll fuq indikata baqat diehla fiha;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi jirrizulta abbundantament assodat mill-akkadut li x-xufiera involuti la kienu qed izommu d-distanzi regolamentari ta' sikurezza u lanqas kienu qed josservaw il-limiti ta' velocita';*

*Illi bil-konsegwenza ta' dan kollhu huma responsabbli ta' sewqan imprudenti u negligenti;*

*Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li l-partijiet kollha ghandhom ibatu l-konsegwenzi ta' dawn in-nuqqasijiet u fil-waqt li tiddikjara kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenuti responsabbli ghall-incident de quo tikkundannhom jaghmlu tajjeb ghall-hsarat minnhom sofferti individwalment billi kull wiehed mill-partijiet ihallas l-istess hsara minnhu sofferta."*

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi bl-aggravju li fuq il-fatti processwali l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet zbaljata.

Jinsorgu sitwazzjonijiet fejn, bhal f'dan il-kaz, Qorti tat-tieni istanza ma tkunx qed taghmel gustizzja jekk tillimita ruhha 'sic et sempliciter' ghal principju illi Qorti ta' revizjoni di regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi, u kwindi tal-konkluzjoni bazata fuq dan l-istess apprezzament, li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-verita' l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti fuq il-fatti pozittivi f'din l-istanza kellha, fil-fehma ta' din il-Qorti, tkun indirizzata xort'ohra.

Kif intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Moira Galea – vs- Michael Zerafa**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "*… … f'kawza tax-xorta taht ezami kien jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika ta' l-incident b'kull element ta' prova a disposizzjoni taghha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa involuti fl-incident relatati ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fic-cirkostanzi li fihom sehh is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra*."

Dan ighodd b'maggjor enfasi f'kaz fejn ghandek kollizjoni multipla, u fejn allura kull wiehed mis-sewwieqa kif muri 'infra' jaghti l-verzjoni tieghu tal-incident, kultant offuskata mill-interess partikolari jew minn impressjonijiet zbaljati u mhawwda, specjalment fejn, bhal ma jirrizulta fil-kaz in disamina, l-incident ikun issuccieda f'salt tant li s-sewwieqa ma jkunux ghal kollox konxji minn dak li jkun verament gara. F'kaz bhal dan ghalhekk il-Qorti trid tfittex sew x'kienet il-kawza prossima tal-habta.

It-tliet protagonisti f'din il-kawza kollha jaghtu verzjoni differenti tal-fatti meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti. Min jghid li kien wieqaf qabel il-habta, bhal Raymond Debono (fol 39) u Joseph Galea (fol 43). Min jghid li kienu diga' mahbuta qabel ma dahal f'ta' quddiemu, bhal Paul Caruana. L-istess jghid Raymond Debono fil-konfront ta' Joseph Galea. Il-verzjonijiet huma kontrastanti ghall-ahhar.

It-topografija tal-post fejn sehh l-incident huwa ta' l-akbar importanza f'dan il-kaz. Il-konvenut Caruana jippreciza li l-post kien in-naha fejn hemm il-fabbrika ta' l-Attrans tant li jghid li kif kiser il-liwja sab il-vetturi quddiemu. F'dan hu sorrett minn Debono li jghid li "*konna f'daqsxejn ta' kantuniera*".

Din l-accertazzjoni tal-post tal-incident twassal ghall-osservazzjoni tar-regola li tiddetta li hu dmir fuq kull sewwieq illi meta qed javvicina liwja jew kantuniera ghandu jirrallenta s-sewqan tieghu u b'hekk jahseb ghal kull imprevvist li jista' jiltaqa' mieghu. Jinkombi b'dover fuq kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi u li l-hin kollu jzomm 'a proper look out'. Aktar u aktar imbaghad meta dak li ser jinkontra wara l-liwja jew kantuniera mhux vizibbli ghalih.

Il-konvenut Galea jittanta jiskolpa ruhu minn kull responsabilita' billi jghid li hu kien wieqaf wara l-attur Raymond Debono meta l-vettura tal-konvenut Caruana dahlet fih. F'dan hu kontradett mill-imsemmi attur. Minn naha tieghu l-konvenut Caruana jistrieh fuq il-linja

difensjonali li hu sab il-vettura ma' wiccu meta dar il-liwja u b'hekk ma setax jevita l-habta.

L-ewwel Qorti tinkolpa wkoll lill-attur ghall-incident. Jinsab stabbilit illi "*biex ikun hemm negligenza kontributorja f'materja ta' kollizjoni hemm bzonn illi n-negligenza ta' min jirreklama d-danni tkun tali li minghajrha l-kollizzjoni ma kenitx issir; imma meta din in-negligenza tkun tali illi min jigi biex ihallas id-danni seta' jevita dawk id-danni bl-ezercizzju tal-kura ordinarja, allura r-responsabilita tal-kollizzjoni taqa' fuq il-konvenut*" – "**Carmelo Grech pro et noe –vs- Michael Azzopardi**", Prim'Awla, Qorti Civili, 8 ta' Jannar 1947 (Vol XXXII pI pI).

Dan iwassal ghall-ezami biex jigi determinat jekk l-attur kienx hu wkoll fi htija, stabbilit li hu kien sost wara l-vettura ta' quddiemu qabel il-habta. Tezisti certament favurih il-presunzjoni "juris tantum" illi meta l-karozza wieqfa tigi milquta minn karozza miexja s-sewwieq tal-karozza miexja huwa generalment responsabbli. "*When a stationery car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable*" (Gibb, "Trial of Motor Car Accident Cases", page 73, Section 90)

Fid-decizjoni "**John Bonnici et –vs- Bartolomeo Gauci**", Appell Civili, 25 ta' Gunju 1984 jinghad li l-principji li ghandhom jigu osservati f'kaz ta' karozza wieqfa u tigi milquta minn wara huma tnejn (1) jekk id-driver tal-karozza ta' quddiem jieqaf f'daqqa b'mod li l-karozza li tkun vicin warajh ma tistax tieqaf a tempo, allura jkollu tort; u (2) id-driver tal-karozza ta' wara jista' jkun hati ta' negligenza kontributorja jekk ma kellux il-karozza tieghu taht il-kontroll tieghu b'mod li jieqaf meta l-karozza ta' quddiemu tieqaf. Ara wkoll "**Il-Pulizija –vs- Profs Charles Zahra Newmann**" (Vol XXXIX pIV p972 "**James Attard –vs- Alfred Desira**", Appell Civili, 21 ta' Mejju 1986).

Indubbjament l-attur Raymond Debono kien wieqaf, u wieqaf, perikolozament f'"daqsxejn ta' kantuniera" kif hekk jistqarr. Hu ghandu l-iskuza li hu kien hekk wieqaf ghax waqaflu ta' quddiemu. Fil-fehma ta' din il-Qorti hu ma

jistax ghal kollox jikkampa ruhu fuq dan il-fattur, ghalkemm ser jittiehed in konsiderazzjoni fit-tqassim tal-htija.

Gie osservat dan fid-decizjoni fl-ismijiet "**Albert Grech – vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1998:-

"*Din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-waqfien f'post perikoluz ta' vettura, f'posizzjoni fejn ir-regolamenti kienu jivvjetaw is-sosta proprju biex ma jigux sorprizi vetturi ohra li kellhom kull dritt jippretendu li l-karreggjata tkun libera, u multo magis, fl-arterja principali fejn hi wkoll konsentita certa velocita', ma setax ikun fattur kontributorju li jipprovoka s-sinistru jew li kellu jigi biss konsiderat bhala agir kontravenzjonali li bl-ebda mod ma kellu xi rifless fuq ir-responsabilita' ghas-sinistru*".

Issa huwa veru illi mhux kull agir jitqies ingustifikat. Hekk ukoll hu pacifiku illi mhux kull kontravenzjoni tas-sewqan ghandha titqies bhala element kontributur. B'danakollu fejn din il-kontravenzjoni tkun ipprovokat l-incident jew ikkontribwiet ghalih, huwa gust li l-Qorti tiehdu in konsiderazzjoni biex tistabilixxi l-addebitu tar-responsabilita'. In vista tal-ostakolu inaspettat il-Qorti tirritjeni illi l-attur ikkontribixxa huwa wkoll ghall-kollizzjoni.

Wara li hasbitha bir-reqqa din il-Qorti ma tarax li tista' taqbel mal-konsiderandi ta' l-ewwel Qorti illi s-sewwieqa kollha ikkontribwew indaqs ghas-sinistru b'mod li kull wiehed minnhom ibati l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu. Il-Qorti thoss invece li z-zewg konvenuti kellhom izjed tort mill-attur appellant billi dawn naqsu li jikkontrollaw tempestivament il-vetturi taghhom u wara kollox kienu huma li dahhlu fuq il-vettura immedjatament quddiemhom.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-htija ghandha tkun ripartita kwantu ghal terz lill-atturi u kwantu ghal zewg terzi lill-konvenuti konguntement. Billi d-danni reklamati skond ricevuti esebiti (fol 26-35), jlahhqu s-somma ta' hames mija u erba' u tmenin Lira Maltin (Lm584), il-konvenuti flimkien ghandhom jirrizarcixxu lill-atturi l-ammont ta' tliet

mija u disa' u tmenin lira Maltija erba u tletin centezmu (Lm389.34,0), flimkien mal-interessi mill-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1999.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-kontendenti ugwalment fi htija ghall-kollizzjoni u invece tiddikjara li r-responsabilita' ghas-sinistru ghandha tkun maqsuma kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) fuq l-attur u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) fuq il-konvenuti konguntement. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti flimkien ihallsu lill-attur s-somma ta' tliet mija disa u tmenin lira Maltija, erba'u tletin centezmu (Lm389.34,0) bl-imgahxijiet mis-7 ta' Ottubru 1999, data tal-ittra ufficjali.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu skond l-istess proporzjon tar-responsabilita' f'din il-kawza stabbilit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------